MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-12 ta' Ottubru, 2012

Citazzjoni Numru. 24/2012

**Dr Angele Formosa ghan-nom tal-imsiefer Giorgio sive George Sultana**

**-vs-**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat prezentat mir-rikorrenti li permezz tieghu qieghed jitlob korrezzjoni fl-att tat-twelid tieghu. Dan peress li ppremetta li huwa dejjem  kiteb ismu George mentri c-certifikat tat-twelid tieghu juri isem ir-rikorrent miktub bhala Giorgio minflok George u ghalhekk l-att tat-twelid tieghu u l-karta ta’ l-identita’ tieghu ukoll ghandhom jirriflettu dan.

Rat  ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat li saret il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern kif tikkontempla l-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Wara li l-qorti rat id-dokumenti prezentati mir-rikorrenti tqis li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati. Infatti rrizulta li r-rikorrenti li ghandu passaport Amerikan prezenta diversi dokumenti fosthom il-passaporti tieghu kemm dak Amerikan u dak Malti, l-international driving licence u l-licenzja normali tar-rikorrenti li juru li huwa fil-fatt maghruf bhala George.

Tqis li l-konvenut mhux qed joggezzjona ghat-talba tar-rikorrent.

Tqis ukoll pero' li ma jirrizultax li dan irrizulta minhabba xi zball li huma mputabbli lill-konvenut b'xi mod.

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u dan billi :

(a) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid bin-numru mitejn u sebgha (2007) tas-sena elf disa' mija disgha u ghoxrin (1929) skont il-provedimenti tal-artiklu 253 tal-Kodici Civili, sabiex isem shih ir-rikorrenti fil-hames kolonna immarkata *'ismijiet moghtijin'* l-isem indikat bhala 'Giorgio' jigi sostitwit bl-isem 'George', u l-isem 'Giorgio' indikat fis-sitt kolonna ntestata *'Isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha'* l-isem 'Giorgio' irid jigi sostitwit bl-isem 'George';

(b) Tichad it-tieni talba billi ma gie indikat l-ebda att civili iehor.

Spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------